MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1381/2001/1

**Laura Blundell**

**vs**

**Alan Blundell**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg civili fir-Registru taz-Zwieg, Valletta fl-20 ta' Mejju 1997 (Dok A) meta l-konvenut kellu 17-il sena filwaqt illi l-attrici kienet ghadha kif appena ghalqet is-16-il sena u kienet tqila tant li gimgha wara z-zwieg u cioe` fis-27 ta' Mejju 1997 weldet tifla li ssemmiet Rebecca (Dok B).

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi wkoll il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigi dikjarat u deciz illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Mejju 1997 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d)(f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subbizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbali tat-23 ta’ Mejju 2002 u tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-attrici ta’ 50 jum.

Rat li l-konvenut ghalkemm notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh (a tergo fol 13) baqa’ ma prezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat in-nota tal-attrici tat-30 ta’ Dicembru 2002 fejn prezentat l-affidavit taghha stess, ta’ Margaret Mangion,

ta’ Rita Buttigieg u ta’ Raymond Buttigieg (fol 16 sa 32 tal-process).

Rat il-verbal tat-18 ta’ Marzu 2003 fejn deher biss Dr Marco Ciliberti ghall-attrici, il-konvenut imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx, il-Qorti preffiggiet terminu ta’ 20 jum lill-konvenut biex jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti jkollu 20 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici tas-7 t’April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici Laura Blundell** qalet is-segwenti:

*“Jiena ltqajt ma' zewgi Alan Blundell f’Jannar tal-1996. Hu kien habib ta' habib tieghi. Wara ftit zmien, bdejna niffrekwentaw lil xulxin. Dak iz-zmien kelli biss erbatax-il sena u kont se naghlaq hmistax-il sena f'Marzu, filwaqt illi Alan kellu sittax-il sena u kien se jaghlaq sbatax-il sena f’Mejju.*

*Niftakar illi Alan u jiena konna niggieldu ta' spiss, peress illi hu kien jghir ghalija z-zejjed, u kien hemm drabi meta hu kien agressiv mieghi, specjalment meta kien ikun xurban. Kien hemm okkazjoni fejn hekk kif kont miexja mid-dar lejn ix-xoghol, jiena kont iltqajt ma' habib tieghi, certu James Callus, li kien jahdem mieghi, u mxejna flimkien lejn ixxoghol. Alan kien gie ifittixni, izda meta rani ma' James, beda jiggieled mieghi u kien imbuttani t-tarag li kien hemm fil-vicinanzi. Madankollu, ma nistax nghid li kont indunajt li Alan kellu xi problema ta' alkohol,*

*ghalkemm dan jista' ikun peress illi kont ghadni zghira u ma kontx ninduna b'certu affarijiet. Alan kien jisker madwar darba kull hmistax. Kont naf li ommu kienet mietet meta Alan kellu biss erba' snin, u missieru kien alkoholiku, u kien jerfa' jdejh fuq it-tfal. Dan nafu ghax qaluli Alan. Lil missier Alan, jiena qatt ma kellimtu qabel iz-zwieg.*

*Nispjega illi Alan u jiena lanqas konna ilna sena flimkien, meta sirt naf li kont tqila bit-tarbija tieghu. Fil-fatt, dan sirt nafu madwar Settembru tal-1996. Kemm ghalija, kif ukoll ghal Alan, din kienet tragedja f'hajjitna, peress illi t-tnejn li ahna konna ghadna tfal u ma kellna assolutament l-ebda hsieb dwar zwieg. Oltre dan, jiena kont inkwetata hafna minhabba l-genituri tieghi. Dak iz-zmien jiena kont ghadni nattendi l-iskola, u niftakar illi kelli nghid lill-'headmistress' tal-iskola, Miss Josephine Baldacchino, li minhabba c-cirkostanzi, jiena kelli nieqaf milli nattendi l-iskola.*

*Nista' nghid li fil-bidu tat-tqala, Alan kien hadha bi kbira daqsi, izda meta ghadda ftit taz-zmien, u kont ghadni tqila, ghalkemm jiena kont bqajt inkwetata hafna, ghal Alan kien donnu ma gara xejn. Niftakar ukoll li meta kont ghadni tqila, Alan kien qalli li hu kien harigni tqila apposta, u dan sabiex jiena nibqa' mieghu zgur.*

*Fil-bidu tat-tqala tieghi, Alan u jiena bqajna nghixu separati, u cioe` jiena bqajt nghix mal-genituri tieghi, filwaqt illi Alan baqa' jghix ma' missieru.*

*Niftakar illi f'dan iz-zmien, kien hemm okkazjoni meta Alan ma marx lura d-dar wara x-xoghol. Jiena bqajt incempillu sa tard bil-lejl, u sussegwentement it-tfajla ta' missier Alan issuggeriet li mmorru nfittxuh fimkien. Wara li fittixnieh u kien kollu ta' xejn, ahna ddecidejna li naghmlu rapport mal-pulizija. Il-pulizija sabu lil Alan l-ghada filghodu, ghand habib tieghu li zmien wara kien miet b' 'overdose'. Jiena ma nahsibx illi Alan qatt kellu xi problema ta' drogi. Sa fejn naf jien Alan qatt ma ha drogi u jiena qatt ma sibtlu xejn li seta' jaghtini x'nahseb dwar dan. Madankollu, Alan ta' spiss kien iqatta' hin ma' nies li kienu jabbuzaw mid-droga.*

*F'Jannar tal-1997, Alan u jiena bdejna nghixu flimkien gewwa appartament li konna nikru, u wara ftit zmien ghazilna li nizzewgu. Madankollu, l-problemi kienu diga' bdew. F'dan iz-zmien li qeghda nitkellem dwaru, Alan kien qieghed jahdem 'part time' bhala 'waiter' u spiss kien idum xoghol sa tard bil-lejl, izda jiena dejjem kont nibqa' mqajjma nistennieh. Kien hemm okkazjoni meta Alan mar ix-xoghol, izda meta kien sar il-hin biex jigi lura, hu baqa' ma giex. Jiena nkwetajt, u ghalhekk peress illi Alan ma kienx jahdem il-boghod mid-dar, jiena hrigt infittxu, izda r-'restaurant' fejn kien jahdem kien maghluq. Sussegwentement, cempilt lil missieri, Raymond Buttigieg, u gie d-dar tieghi. Niftakar illi konna bqajna nistennew lil Alan barra, u meta gie lura, kellu riha ta' xorb fuqu. Lanqas biss ried ikellimni u baqa' diehel id-dar minghajr ebda kliem u spjegazzjoni. Alan dahal fis-sodda, u ftit wara tella' l-istonku.*

*Nghid illi meta Alan kien beda jahdem f'dan ix-xoghol 'part time', hu kien ghamel hbieb ma' ragel iehor, li kien jahdem mieghu, u kien hemm drabi fejn wara x-xoghol, Alan hareg ma' dan il-habib tieghu, xorob, siker, u gie d-dar tard hafna. Fil-fatt, lil Alan kont ghidtlu biex jieqaf minn dan ix-xoghol u peress illi hu ma kienx wiehed li jhobb jahdem hafna, millewwel accetta u kien waqaf.*

*Nghid ukoll illi f'dan iz-zmien, Alan kien johrog ma' huh, madwar darba fil-gimgha. Hu kien jghidli li kien imur ghand in-nanna, pero` niftakar illi dejjem kien jigi lura b'riha ta' alkohol u sigaretti, ghalkemm hu ma kienx ipejjep. Ghalhekk, jiena ma kontx nemmnu meta kien jghidli li kien imur ghand in-nanna. Dwar dan konna niggieldu, izda hu xorta kien johrog ma' huh.*

*Niftakar illi Alan u jiena konna ddecidejna illi kien ikun ahjar illi nizzewgu qabel ma titwield it-tarbija, u fil-fatt l-unika raguni ghalfejn izzewwigna kienet li kien ser ikollna tarbija. Niftakar ukoll li konna ghamilna l-arrangamenti ghaz-zwieg f'qasir zmien u zzewwigna fl-20 ta' Mejju, 1997. Fis-27 ta' Mejju, 1997, jiena kelli t-tarbija. Ftit xhur*

*wara, ahna morna noqoghdu gewwa appartament iehor f'San Pawl il-Bahar.*

*F'dan iz-zmien, il-problemi bejnietna kienu diga' bdew jizdiedu. Alan assolutament ma riedx li jiena nohrog nahdem, peress illi kien ighir hafna, izda fl-istess hin, hu ma kienx jaghmel hiltu f'xoghlu, u b'xi skuza jew ohra, dejjem kien hsiebu biex jitlaq ix-xoghol li kien ikollu, u jsib xoghol iehor, u dan minkejja li kellu jipprovdi ghalija u ghal bintu.*

*Fiz-zmien li zzewwigna, Alan kien qieghed jahdem go fabbrika. Kien hemm okkazjoni meta gie mix-xoghol, u qalli li kellu xi problemi fuq ix-xoghol. L-ghada filghodu Alan qalli li ma riedx jahdem aktar fil-fabbrika, u b'hekk rega' spicca minghajr xoghol. Sussegwentement, wiehed millgirien taghna, Aaron Saliba, kien qal lil Alan biex jibda jahdem mieghu. Niftakar li Alan kien beda jahdem mieghu, izda dam biss jumejn jaghmel dan ix-xoghol. Fl-istess zmien, sid il-kera kien sab xoghol lil Alan bhala mastrudaxxa u hu kien qal li dan ix-xoghol kien joghgbu.*

*Fil-frattemp, Alan kien hallieni nsib xoghol 'part time', ghax peress illi hu ghamel zmien bla xoghol, kien induna li ma stajniex nibqghu ma nahdmux it-tnejn li ahna. Ghalhekk, jiena sibt xoghol 'part-time' filghaxijiet, u ddecidejna li meta jigi mix-xoghol tieghu, Alan kellu iiehu hsieb lit-tifla taghna Rebecca, u jiena mmur ix-xoghol. L'ghada tal-ewwel gurnata tax-xoghol tieghi, Alan gie mix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa, u qalli li mhux sejjer aktar ghax kien qieghed jugghu l-istonku bir-riha ta' 'spray'. Ghalhekk, bdejt nahdem jiena biss, peress illi Alan baqa' minghajr xoghol.*

*Aktar ma beda ighaddi zmien, Alan aktar beda jsir aggressiv. Kien hemm okkazjoni meta ahna konna mistednin ghand koppja li kienu hbieb ta' Alan. Dak in-nhar kien ghamel hafna maltemp. Niftakar li konna domna hafna ghandhom, peress illi stennejna li forsi jieqaf il-maltemp biex nitilqu. Huma offrewlna li norqdu ghandhom, peress illi ma kellniex karozza biex immorru d-dar, izda jiena ma xtaqtx norqod id-dar taghhom, ghax ma kellix*

*hrieqi ghat-tifla. Alan baqa' jinsisti biex norqdu hemm, imma jiena cempilt lil missieri biex jigi ghalina u jwassalna d-dar. Fil-fatt missieri gie ghalina u wassalna d-dar. Alan kien ghadu rrabjat peress illi jiena ma ridtx norqod ghand il-hbieb tieghu, u bdejna niggieldu. Hu beda ighajjarni u jghidli affarijiet bhal per ezempju, li jien m'jien kapaci naghmel xejn, u refa' jdejh fuqi. Niftakar li Alan waddabni mit-tarag ghal isfel u jiena bdejt naqta' nifsi. Kien Alan stess li cempel ghall-ambulanza. Meta giet l-ambulanza, Alan qal lit-tabib Ii jiena kont waqajt it-tarag, u t-tabib kien baghat lil Alan biex igib borza tal-plastik, peress illi jiena kont ghadni qed naqta' nifsi. Fil-waqt li Alan mar igib din il-borza, it-tabib kien staqsieni x'kien gara tassew, u beda jghidli "Mhux veru waqajt, imma waddbek, hux veru?". Jiena ma stajtx nitkellem peress illi bdejt naqta' nifsi, izda ppruvajt nuri lit-tabib Ii dak Ii kien qed jghid kien veru, billi bdejt naghmel sinjali b'rasi. Sadanittant, Alan lahaq gie lura, u meta ra li t-tabib beda jipprova ikellimni, rega' qallu Ii jiena kont zlaqt, u waqajt it-tarag. Meta telaq it-tabib, Alan kien skuza ruhu mieghi.*

*Nghid illi wara dan l-incident Alan baqa' jiggieled mieghi ta' spiss. Ir-raguni ewlenija tal-glied taghna kienet l-ghira ta' Alan. Filfatt, Ii kieku kien ghalih, jiena ma kont immur imkien, u ma kont inkellem l-ebda ragel. Tant kemm kien jghir illi lanqas ghand il-'grocer' ma kien ihallini mmur, u kien jghidli li x-xirja kien lest li jaghmilha hu, ghalkemm jiena xorta wahda kont immur wahdi. Nispjega wkoll Ii Alan kien sar habib tal-girien taghna, u cioe`, ta' Robert Cassar u Aaron Saliba. Ta' spiss, dawn kienu jigu d-dar taghna biex jilaghbu bil-'playstation'. Nhar ta' Hadd, kienu wkoll jieklu ghandna. Nghid illi jiena ma tantx kont inkellimhom lil dawn il-hbieb ta' Alan, hlief biex noffrilhom xi xorb jew ikel, u dan peress illi Alan kien jiddejjaq hafna jekk inkellimhom. Naturalment, lilhom ma kienx jurihom b'dan. Oltre dan, Alan ma kienx ihallini niftah bieb partikolari li kien jaghti ghat-tieqa tal-kamra tas-sodda tal-appartament ta' wiehed minn dawn il-guvintur. Lanqas kien ihallini nitla' fuq il-bejt, hlief blex nonxor il-hwejjeg, ghax kien jahseb Ii jiena kont ser noqghod inhares biex nara l-hbieb tieghu dehlin u hergin mill-appartament taghhom.*

*Nghid illi jiena kont nahdem gewwa ‘mini market' li kien vicin id-dar. Sikwit wara xi glieda li Alan u jiena kien ikollna, il-girien kienu jigu jixtru u jistaqsuni x'kien gara, peress illi kienu jisimghu hafna ghajjat u storbju. Kien hemm okkazjoni fejn Alan kien rani nitkellem ma' wiehed mill-girien quddiem id-dar, u meta tlajt id-dar, hu beda jiggieled mieghi u refa' jdejh fuqi. Kien hemm okkazjoni ohra, fejn filwaqt li kont qeghda nahdem gewwa l-‘mini market’, u l-bqija tal-istaff kienu qeghdin barra kien gie ‘salesman' u beda ikellimni dwar xi prodotti li kellna ordnati minghandu. Niftakar li fil-pront kien dahal Alan, li haseb li dan ir-ragel kien qieghed jiccajta mieghi. Hekk kif hareg is-salesman mill-hanut, jiena staqsejt lil Alan fejn kien halla lit-tifla, u hu wegibni li kienet rieqda d-dar wahedha. Alan ried ikun jaf x'ried dak ir-ragel, u jien ghidtlu li konna qeghdin nitkellmu dwar xoghol. Alan kien tani daqqa ta' harta u telaq il-barra.*

*Niftakar illi z-zwieg bil-Knisja kellu jsir fl-20 ta' Mejju 1998. Meta beda joqrob dan il-jum, kont ircevejt telefonata minghand il-Kappillan tal-Balluta, Fr. J. Falzon. Il-Kappillan kien qalli illi l-jum taz-zwieg kien wasal, izda jiena ghidtlu biex ihassar kollox peress illi Alan u jiena ma konniex qeghdin naqblu wisq. Ftit wara, infurmajt lil Alan li jiena kont hassart id-data taz-zwieg, u hu kien wegibni illi kont ghamilt sewwa.*

*Niftakar ukoll illi f’Gunju, 1998, Alan kien rega' refa' jdejh fuqi waqt li konna qeghdin niggieldu, u ried li jiena nitlaq mill-appartament. Dak in-nhar il-girien Robert Cassar, Aaron Saliba, u Romina li kienet it-tfajla ta' Aaron, kienu semghuni nwerzaq u kienu gew biex iwaqqfuh. Alan kien bexxaq il-bleb, beda jidghi, u qalilhom biex jitilqu. Jiena tlabt lil Alan blex ihallini norqod hemm, ghax kien sar hafna hin. L-ghada filghodu Alan qajjimni kmieni, lestieli l-affarijiet tieghi, u qalli biex nitlaq u niehu lit-tifla mieghi. Talabni wkoll ic-cwievet tal-appartament, biex ma nergax nidhol. Jiena tlaqt u mort id-dar ta' ommi u missieri.*

*Peress illi jiena kont nahdem vicin d-dar li fiha kien ghadu ighix Alan, jiena tlaqt ix-xoghol li kelli. Minn dak in-nhar li*

*tlaqt mid-dar sa Settembru tal-1998 lil Alan ma rajtux aktar u hu lanqas gie jara lit-tifla. Izda kien hemm jum f'Settembru, meta ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu, filwaqt li kont id-dar ta' ommi u missieri, u kulhadd kien rieqed, ahna smajna hafna storbju, dagha u tisbit mal-bieb ta' barra. Jiena mort nittawwal mit-tieqa tal-gallerija, u rajt lil Alan f'karozza Ford Escort hamra tal-kiri, flimkien ma' ohtu Sharon, li kienet passiggiera mieghu. Alan beda jghidli biex ninzel u nohrog barra, izda jiena bzajt u cempilt l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Fil-frattemp, Alan baqa' jitkellem hazin, jidghi, u jghajjarni, u jinstigani sabiex nohrog barra. Wara ftit, gew il-Pulizija sabiex isikktuh u Alan telaq, izda wara li telqu il-Pulizija minn fuq il-post, huwa rega' gie u rega' beda jaghmel l-istorbju. Ghalhekk, kien nizel missieri, biex isikktu, izda Alan beda jsuq il-karozza ghal fuq missieri, u li kieku missieri ma warrabx, kien jolqtu.*

*Sussegwentement, Alan dahal bil-karozza tieghu, fuq il-karozza ta' missieri, li kienet parkeggata fl-istess triq, u ghamillu hafna hsara fil-karozza. Niftakar li jiena kont ergajt cempilt l-Ghassa ta' San Giljan, u ftit wara kien gie l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud, li kien sikket lil Alan u baghtu lejn id-dar.*

*Niftakar illi sa Novembru 1998, Alan baqa' jcempel id-dar ta' ommi u missieri, sabiex joqghod jitkellem baxx u jghid il-hmerijiet - per ezempju, kien joqghod jghajjar lil ommi 'barrija' u ighidilha li missieri kien jaqlibilha. Ghalkemm Alan ma kienx jidentifikha ruhu, ahna konna nindunaw li kien hu, kemm ghax konna naghrfu lehnu, kif ukoll minhabba l-kliem li kien juza'.*

*Xi zmien wara, jiena kont bdejt nahdem ma' certu Charles Palmier, li kellu zewgt ihwienet, u cioe` 'stationery' u 'cafeteria'. Fil-bidu, bdejt nahdem bhala 'salesgirl' gewwa l-'stationery' u aktar tard bdejt nahdem bhala 'waitress' gewwa l-'cafeteria'. Niftakar li kien hemm okkazjoni meta hekk kif wasalt id-dar mix-xoghol, jiena sibt ittra minghand Alan, u fiha talabni biex jerga' jirranga. Jiena bzajt li jekk nerga' nirranga mieghu, hu kien jerga' jaghmilli l-istess, u ghalhekk jiena kont bghattlu ittra lura fejn ghidtlu b'dan.*

*Wara ftit zmien, Alan kien rega' bghattli ittra ohra, izda din id-darba kienet ittra minghand l-Avukat tieghu, li permezz taghha Alan talabni biex nisseparaw. Niftakar li jiena kont irrispondejtu permezz tal-Avukat tieghi, u wara m'ergajtx ircevejt ittri ohra.*

*Nghid illi ftit taz-zmien wara, jiena kont hrigt ma' ohti, Margaret Mangion, u konna waqafna nixtru minn gabbana, il-Hamrun. Hemm hekk iltqajt ma' Alan, li kien qieghed jahdem hemm. Minn dak in-nhar, Alan u jiena ergajna bdejna niltaqghu.*

*F'dan iz-zmien li qed insemmi, jiena kont ghadni nahdem ma' Charles Palmier. Ta' spiss Alan kien jigi fil-post fejn kont nahdem jiena, u kien joqghod jitkellem ma' Charles. Niftakar li xi zmien wara, Alan u Charles kienu gew jghiduli li x'aktarx Charles kien ser jikrilna wiehed mill--hwienet tieghu. F'dan il-perijodu, Alan rega' ma kienx qieghed jahdem, u ghalhekk kien interessa ruhu. F'Novembru tal-1999, Alan u jiena bdejna nikru l-cafeteria minghand Charles, bil-kera ta' Lm15 kuljum. Ahna konna bdejna nqattghu hafna hin nahdmu fil-'cafeteria', u lit-tifla kont inhalliha ghal hin twil ma' ommi. Fil-frattemp, Alan u jiena bqajna nghixu separatament, izda konna bdejna niddiskutu l-possibbilta` li nergghu nibdew nghixu flimkien, ghalkemm ma stajniex naqblu fuq il-post fejn konna sejrin nghixu. Alan riedni mmur nghix mieghu fid-dar ta' missieru, u cioe` ma' missieru, huh u ohtu, gewwa kerrejja, il-Belt, peress illi hu ma riedx johrog flus biex ihallas kera. Madankollu, jiena ma accettajtx u xtaqt illi nergghu nikru appartament u nghixu wahedna, izda Alan ma riedx.*

*Kien hemm okkazjoni fejn wara x-xoghol, Alan u jiena morna f'bar li kien jinsab Bugibba. Alan kien jidher li kellu n-nervi. Niftakar li kien xtara flixkun inbid kbir u beda jixorbu qisu ilma, u fl-ahhar qalli li kien ser jistaqsini ghall-ahhar darba biex immur nghix mieghu. Jiena bqajt ninsisti li ma ridtx immur nghix fid-dar ta' missieru. Fil-pront, Alan beda jidghi, u riedni mmur mieghu d-dar tieghu, biex norqod ghandu. Jiena accettajt, peress illi bdejt nibza' minnu, izda imbaghad hu qalli biex immorru ghat-tifla li*

*kienet rieqda ghand ommi. Jiena ma ridtx immur ghat-tifla, peress illi diga' kienu saru s-saghtejn ta' filghodu u ma ridtx inqajjem lit-tifla u nohrogha dak il-hin fis-sirda. Alan kien qalli li jekk ma ngibx lit-tifla, hu kien ser icempel lill-Pulizija, izda jiena bqajt ninsisti li ma ridtx immur ghat-tifla. Fil-pront, Alan kien cempel l-Ghassa, u beda jghid lil Pulizija li jiena ma ridtx naghtih lit-tifla u li hu kien missierha u li kellu dritt ghaliha. Alan baqa' jsuq lejn l-Ghassa ta' San Giljan, u hemm hekk bdejna niggieldu. Hu beda jghid li jiena ma ridtx nerga' nirranga mieghu, li jiena ma ridtux jara t-tifla, u li ommi u missieri kienu ser jiehdu lit-tifla u jrabbuha huma. Minn naha tieghu, jiena kont spjegajt lill-Pulizija x'kien gara. Filwaqt li konna qeghdin l-Ghassa, hu kien staqsieni ghac-cwievet tal-hanut, u jiena kont tajthomlu. Dwar Rebecca kont ghidtlu, illi jekk ried, seta' jiggieled ghaliha l-Qorti.*

*Wara xi jumejn, kien cempilli Charles Palmier u staqsieni ghaliex ma bqajtx immur il-hanut, u jiena ghidtlu li kont iggielidt ma' Alan. Niftakar li ftit wara kont mort inkellem lil Charles, u ghidtlu li ma stajtx inkompli nahdem fil-hanut, u li c-cwievet kont tajthom lil Alan. Charles kien infurmani illi anki Alan kien qata' qalbu, u li lanqas hu ma ried jibqa' jikri l-cafeteria.*

*Nghid illi jiena kont ergajt tkellimt mal-Avukat tieghi, sabiex nibda l-proceduri ghas-separazzjoni. Meta Alan u jiena kellna nidhru l-Qorti, Alan ma dehrx, u fl-assenza tieghu, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat Digriet li permezz tieghu jiena kelli niehu lit-tifla gewwa c-Centru Hidma Socjali, Santa Venera, biex Alan jiltaqa' maghha siegha fil-gimgha.*

*Ghall-ewwel, Alan beda jigi c-Centru Hidma Socjali, sabiex jiltaqa' mat-tifla, izda wara xi tlieta jew erba' darbiet, ma baqax jigi, u s-'social worker' qaltli biex ma nibqax immur bit-tifla, u li hi kienet ser tinforma lill-Qorti li l-missier ma kienx qed imur jiltaqa' ma' bintu, u li ghalhekk jiena kont qeghda mmur ic-Centru ghalxejn."*

Illi gew prezentati wkoll tlett xhieda ohra mill-attrici li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit,

u dawn huma: Margaret Mangion, Rita Buttigieg u Raymond Buttigieg, li l-affidavits taghhom jinsabu a fol 24 sa 32 tal-process.

## (B) IL-KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-20 ta' Mejju 1997 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hija qed tallega li l-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll; li l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u li l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut huwa kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonerata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (**"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** – P.A. (VDG) - 3 ta' Ottubru 1995 - Cit. Nru. 1264/94).

## (C). LIGI U GURISPRUDENZA

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` **l-Att dwar iz-Zwieg** u jinqraw hekk kif gej:-

**19(1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

***(h)*** "jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi rigward l-**Artikolu 19(1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti f' **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A.- 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi f' **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. - 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg

jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi f' **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi f' **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. –14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni hekk:-

*"Ghalhekk min <u>esternament</u> ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun <u>internament</u> u <u>b'att pozittiv tal-volonta tieghu</u> qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et", (**Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu

lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta` u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati ukoll f' **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u f' **"Grech vs Grech"** (P.A. 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili f' **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'Consortium Vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja."*

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina t-tieni premessa tal-attrici u cjoe' **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ill ghar-rigward tal-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-kontendenti fl-ebda mument ma kkunsidraw il-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. ***Dr. Abigail Attard***, fit-tezi taghha **"*Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975*"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"suppose not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to*

*take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita` li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga.

Illi cirkostanzi simili ghal dan il-kaz kienu fil-kaz **"Tabone vs Tabone"** (P.A. 7 ta' Lulju 1995). Il-Prim' Awla ddikjarat zwieg null fuq, *inter alia*, **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, liema Qorti nterpretat id-decizjoni tal-attur biex jizzewweg hekk:-

*"Illi l-importanza li huwa ta lit-tqala tal-konvenuta, tindika li hu ma kien xejn liberu fl-ghazla tieghu ghalkemm probabilment lanqas kien irrealizza b'dan; illi inoltre jigi osservat illi z-zwieg tal-kontendenti gie organizzat u deciz biss fi tliet gimghat u dan jindika li certament il-partijiet ma ghamlu ebda valutazzjoni serja ta' dak li kienu sejrin jidhlu ghalih; qabel ma saru jafu bil-gravidanza tal-konvenuta huma bl-ebda mod ma tkellmu dwar iz-zwieg jew dwar il-hajja taghhom futura".*

Illi fil-kaz **"Giordimaina vs Giordimaina"** (P.A. 31 ta' Jannar 1995) il-Qorti qalet hekk:-

*".......... ghalkemm kien ilhom zmien flimkien, ma kinux jafu lil xulxin bizzejjed; fl-immaturita' taghhom ma hasbuhiex darbtejn biex jghaddu ghaz-zwieg meta sfortunatament ghalihom u l-aktar ghall-kreatura illi twieldet (il-konvenuta kienet harget incinta qabel iz-zwieg anke skond ma jidher mill-istess certifikat esebit) sabu ruhhom f'cirkostanzi li wassluhom biex jaghtu l-kunsens taghhom minghajr ma jkunux hasbu bis-serjeta fuq dak li kienu qeghdin jghamlu".*

Illi kif gie spjegat tajjeb fil-kawza **"Spiteri vs Spiteri"** (P.A. – 4 ta' Novembru 1994):-

*"B'difett serju ta' diskrezzjoni l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra*

*fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku interament marbut mall-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u kuxjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi kaz simili kien **"Portelli vs Portelli"** (P.A. – 14 ta' Awissu 1995) fejn koppja zzewget ghax it-tfajla nqabdet tqila u l-Qorti qalet:-

*"........ l-espressjoni "hassejtni dahri mall-hajt" (.....) tirrispekkja dak il-konflitt intern fil-konvenut li jipprivah minn dik il-liberta nterna mehtiega sabiex ikun jista' jaghti mhux biss kunsens hieles izda wkoll kunsens ponderat dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali u cjoe' dwar id-drittijiet u d-doveri essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Illi issir referenza wkoll ghal dak li ntqal fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (P.A. (Q.K.) 7 ta' Lulju 1994) li tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"… illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta` taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossubbilta` taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza*

***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi mbaghad ghal dak li jirrigwarda l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg, dan ukoll irrizulta ampjament. Infatti huma zzewgu bl-uniku skop li t-tifla jkollha familja u l-posizzjoni taghha regolarizzata skond il-ligi. Illi ma jidhirx li qatt effettivament kien hemm dik il-*"consortium vitae"* li hi krucjali f'dan il-kamp. Infatti l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vite"* tikkomprendi zewg elementi l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Infatti fis-sentenza **"Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 94) intqal:-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja."*

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjonijiet sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikli 19 (1) (d) u (f)**. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenza **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz.Numru: 134/00/RCP) u **"Isabelle Muscat vs James Muscat" –** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003) u abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d) u (f)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi dwar it-tielet (3) premessa tal-attrici u cjoe` **l-artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255.** L-attrici ppremettiet illi l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta’ dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta’ dipressjoni.

Illi **John R. Keating**, fil-ktieb tieghu ***“The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence”*** f’pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*“Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will.”*

**(D) APPREZZAMENT TA’ PROVI**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ndubjament illi l-partijiet resqu ghal dan iz-zwieg minhabba l-fatt uniku li l-attrici nqabdet tqila mill-istess konvenut tant li z-zwieg sar civilment fl-20 ta’ Mejju 1997 u t-tarbija twieldet fis-27 ta’ Mejju 1997. Illi dan kollu hu kkonfermat mix-xhieda tal-genituri tal-attrici u ta’ oht l-attrici fl-affidavits taghhom.

Illi minn din ix-xhieda jidher car li l-familjari tal-attrici kienu konxji tal-fatt li l-kontendenti kienu ddecidew li jizzewgu minhabba l-imsemmija tqala, u ghalkemm ippruvaw jifthu ghajnejn l-attrici din baqghet issostni li la darba sabet ruhha f’dawn ic-cirkostanzi ma kelliex triq ohra x’taghzel hlief din.

Illi ovvjament li l-attrici kienet taht xokk kbir meta tikkonsidra li hija nqabdet tqila meta kellha biss 15-il sena u l-konvenut kellu 17-il sena u dan johrog bl-aktar mod palez bir-reazzjoni tal-istess attrici ghall-istess tqala meta qalet:

*"din kienet tragedja f'hajjitna, peress li t-tnejn li ahna konna ghadna tfal u ma kellna assolutament ebda hsieb dwar zwieg*".

Illi fil-fatt minhabba dan l-avveniment l-attrici kellha wkoll tohrog mill-iskola u mill-fatti kollha esposti fix-xhieda prodotti f'dan il-process ma hemm l-ebda dubju li konsiderazzjonijiet ohra w essenzjali dwar dak li hu l-bazi tal-kuncett taz-zwieg kien ghal kollox nieqes fil-kunsens tal-partijiet ghall-istess zwieg u dan hu aktar accentwat minhabba li l-partijiet stess kienu ghadhom zghar wisq biex jiehdu dawn id-decizjonijiet aktar u aktar meta gabu ruhhom f'din il-kundizzjoni.

Illi fid-dawl tal-premess m'hemm l-ebda dubju li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan anke jsegwi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti fuq cirkostanzi simili u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess decizjonijiet.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti fl-ahharnett taghmel referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici fuq dan l-artikolu, liema osservazzjonijiet fil-maggiorparti taghhom jinsabu nkorporati f'din id-decizjoni rigwardanti l-apprezzament tal-provi ta' din il-Qorti u l-applikazzjoni taghhom ghall-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** gia citat.

Illi nvece rigwardanti l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** din il-Qorti ma thossx li abbazi tal-provi prodotti dan gie b'xi mod ippruvat u wisq anqas sostanzjat u ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tintlaqa' biss abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** u michuda kwantu ghall-kumplament.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Jigi dikjarat u deciz illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Mejju 1997 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------